**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Nru: 719/2022**

***PHILIPPE JEAN GUILLAUT***

***VS.***

***HOSI MALTA LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar is-sitt u s-seba' talba tal-attur sabiex huwa jiġi mħallas mingħand il-kumpannija konvenuta is-somma ta' €26,227.87 f'pagi u benefiċċji, li skontu, baqgħu ma ġewx imħallsa lilu skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>7 ta' Jannar, 2019</u>** quddiem it-Tribunal Industrijali, l-attur fisser li fil-25 ta' Jannar, 2017 huwa daħal f'kuntratt ta' impjieg mal-kumpannija konvenuta sabiex jaħdem bħala bdot u Assistent tal-RDFE mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions, li hija mwaqqfa taħt il-liġijiet tal-Marokk. Kompla jispjega li fit-3 ta' Mejju, 2018, il-kumpannija konvenuta bagħtitlu ittra fejn, mingħajr ma tatu ebda raġuni, għarrfitu li l-impjieg tiegħu kien sejjer jiġi mitmum fi żmien tliet xhur;

3. Żied jgħid li fis-27 ta' Ġunju, 2018 il-kumpannija konvenuta bagħtitlu ittra oħra fejn għarrfitu li l-impjieg tiegħu kien sejjer jintemm fl-1 ta' Ottubru, 2018 minflok fit-3 ta' Awwissu, 2018. Huwa saħaq li minħabba f'hekk, il-waqfien tal-impjieg tiegħu kien wieħed inġust, mhux biss għax il-kumpannija konvenuta ma tatux raġuni tajba għal dan il-waqfien, iżda wkoll għaliex hija baqgħet ma tatu l-ebda raġuni;

4. Minbarra dan, l-attur tenna wkoll li għalkemm fl-ewwel sitt xhur tal-impjieg tiegħu l-kumpannija konvenuta kienet ħallsitu l-paga u l-benefiċċji kollha dovuti lilu, li jissarrfu fl-ammont sħiħ ta' €8,490 fix-xahar, mix-xahar ta' Lulju 2017 hija bdiet tħallsu paga u benefiċċji f'ammont totali ta' anqas minn hekk kull xahar u għalhekk sa dakinhar tar-rikors hija kien għad fadlilha tħallsu s-somma totali ta' €26,227.87, li tinkludi wkoll l-paga għall-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu fl-1 ta' Ottubru, 2018. L-attur qal li huwa kien bagħat żewġ ittri elettroniċi lill-kumpannija konvenuta sabiex hija tħallsu dak li kien dovut lilu iżda huwa baqa' ma rċieva xejn;

5. Għalhekk huwa talab lit-Tribunal Industrijali sabiex:

> *«1. Jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent min-naħa ta' HOSI Malta Limited kienet inġusta stante li din saret mingħajr raġuni valida skont il-liġi;*
>
> *2. Jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, mingħajr raġuni valida skont il-liġi u mingħajr kumpens, huwa bi ksur tal-proviżjonijiet tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-istess kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti;*
>
> *3. Jillikwida l-kumpens li għandu jingħata lir-rikorrent Philippe Jean Guillaut mis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited;*
>
> *4. Jordna lis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited tħallas il-kumpens hekk likwidat lil Philippe Jean Guillaut;*
>
> *5. Jordna li s-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited terġa' timpjega lill-attur bħala Pilota u RDFE Assistant jew li terġa' tingaġġah taħt dawk il-kundizzjonijiet illi dan it-Tribunal jidhrulu xierqa;*

*6. Jiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel pagamenti fis-somma totali ta' sitta u għoxrin elf mitejn sebgħa u għoxrin Ewro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€26,227.87), rappreżentanti diskrepanza fir-remunerazzjoni dovuta lill-attur għax-xhur ta' bejn Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), kif ukoll għar-remunerazzjoni dovuta għall-aħħar ġurnata ta' impjieg fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u allowance għall-karozza dovuti lill-attur ai termini tal-kuntratt ta' impjieg;*

*7. Jordna lis-soċjetà konvenuta HOSI Malta Limited tħallas is-somma ta' sitta u għoxrin elf mitejn sebgħa u għoxrin Ewro punt sebgħa u tmenin ċenteżmu (€26,227.87) dovuta lill-attur bħala remunerazzjoni u allowance għall-karozza għax-xhur t'impjieg tiegħu.»*

6. Il-kumpannija konvenuta ppreżentat it-tweġiba tagħha fit-**<u>18 ta' Frar, 2019</u>**, u fiha qalet dan li ġej:

*«1. Illi preliminarjament qed jiġi eċċepit illi l-liġi Maltija dwar l-Impjieg ma għandhiex tkun applikabbli għall-każ de quo u dan ai termini tal-Kapitolu 482 tal-Liġijiet ta' Malta li adotta bħala liġi domestika il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 Fuq il-Liġi li Tapplika għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali, li tistipola li l-liġi applikabbli għandha tkun dik tal-pajjiż fejn l-"impjegat soltu jagħmel ix-xogħol tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt", ċioè f'dan il-każ il-Marokk;*

*2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost qed jiġi eċċepit illi l-allegazzjoni illi t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda inġusta hija waħda għalkollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi t-terminazzjoni saret skont il-ftehim bejn il-partijiet u ġiet aċċettata da parti tar-rikorrent;*

*3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost qed jiġi eċċepit illi ma hemm l-ebda ammont dovut bħala salarju mhux imħallas lir-rikorrent. F'dan ir-rigward jingħad illi r-rikorrenti, kif jaf ben tajjeb, kien hu stess illi talab illi ma jingħatax il-paga kollha f'daqqa fil-Marokk u bil-munita tal-MAC u dan peress illi ma kienx jaqbillu finanzjarjament u għalhekk huwa rċieva s-salarju tiegħu (dejjem u regolarment) a bażi ta' split payroll, u ċioè l-ekwivalenti ta' EUR1,900 fil-munita MAC u l-bqija fil-munita tal-Euro;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

7. B’deċiżjoni preliminari mogħtija fit-**<u>12 ta’ Ġunju, 2020</u>**, it-Tribunal Industrijali ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta għaliex sab li l-liġi li tirregola l-kuntratt ta’ impjieg tal-attur hija dik Maltija, u għalhekk ordna t-tkomplija tas-smigħ ta’ din il-kawża;

8. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**<u>4 ta’ Ġunju, 2021</u>** u aktar tard huma ressqu n-noti ta’ sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom (ara n-nota tal-attur f’paġni 248 sa 260 tal-atti tal-kawża u n-nota tal-kumpannija konvenuta f’paġni 238 sa 246 tal-atti tal-kawża);

9. B’deċiżjoni oħra tat-**<u>8 ta’ Ottubru, 2021</u>**, it-Tribunal Industrijali ddeċieda li:

   i. is-sitt u s-seba’ talbiet tal-attur biex huwa jitħallas il-paga u l-benefiċċji li skontu baqgħu ma tħallsux lilu, imorru lil hinn mill-kompetenzi ġuridiċi tiegħu u għalhekk l-atti għandhom jiġu trasferiti lil dik il-qorti li hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet;
   ii. it-tmiem tal-impjieg tal-attur kien wieħed imħaqqaq u skont il-liġi; u
   iii. kull parti fil-kawża għandha ġġorr l-ispejjeż rispettivi tagħha;

10. L-attur appella minn din id-deċiżjoni u b’sentenza mogħtija fl-**<u>1 ta’ Ġunju, 2022</u>**, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri): (i) laqgħet l-appell tiegħu u b’konsegwenza t’hekk ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrjali tat-8 ta’ Ottubru, 2021 safejn dan kien iddeċieda li l-attur tkeċċa mill-impjieg tiegħu ġustament; (ii) iddikjarat minflok li t-tkeċċija tal-attur mill-impjieg li kellu mal-kumpannija konvenuta kienet waħda inġusta skont il-liġi; (iii) bagħtet l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jiddeċiedi dwar kemm kellu jkun il-kumpens li kellu jitħallas lill-attur minħabba t-tkeċċija mill-impjieg tiegħu; u (iv) iddeċiedet li l-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-kumpannija konvenuta;

11. Wara din is-sentenza, l-atti tal-kawża ttieħdu lura quddiem it-Tribunal Industrijali u b’deċiżjoni tal-**<u>24 ta’ Ġunju, 2022</u>**, it-Tribunal ordna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-attur kumpens fl-ammont ta’ €46,500 minħabba t-tmiem inġust tal-impjieg tiegħu, liema somma kellha tiġi mħallsa lilu fi żmien tlettax-il ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni;

12. Fil-**<u>11 ta' Awwissu, 2022</u>**, l-atti tal-kawża nġabu quddiem din il-qorti sabiex hija tiddeċiedi dwar is-sitt u s-seba' talba tal-attur. Dakinhar stess, il-qorti ordnat lill-partijiet sabiex jaħilfu r-rikors u t-tweġiba rispettiva tagħhom – ħaġa din li saret mill-partijiet;

13. Fis-seduta tat-**<u>18 ta' Novembru, 2022</u>**, l-avukati tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-fomm u minn hemm il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

14. Il-kumpannija konvenuta HOSI Malta Limited tagħmel parti mill-grupp ta' kumpanniji ta' Heliconia;

15. B'kuntratt tal-**<u>25 ta' Jannar, 2017</u>**, l-attur Philippe Guillaut ġie impjegat għal perijodu indefinit bħala Assistent tal-RDFE u bdot mal-kumpannija konvenuta (ara paġni 9 sa 19 tal-atti tal-kawża). Skont dan il-kuntratt l-attur kellu jkun stazzjonat f'Marrakech, fil-Marokk biex jagħmel vjaġġi f'dak ir-reġjun ġeografiku partikolari, u għal dan il-għan huwa kellu jidħol fi ftehim ieħor ta' impjieg mal-kumpannija Heliconia Aero Solutions, li hija kumpannija reġistrata fil-Marokk;

16. Kemm hu hekk, fis-**<u>7 ta' Lulju, 2017</u>**, Philippe Guillaut daħal f'kuntratt ieħor ta' impjieg mal-kumpannija Heliconia Aero Solutions biex jaħdem bħala bdot (ara l-kuntratt f'paġni 46 u 47 tal-atti tal-kawża u t-traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliża f'paġni 228 u 229 tal-atti tal-kawża);

17. Fit-**<u>3 ta' Mejju, 2018</u>**, l-attur irċieva ittra mingħand id-direttur tal-kumpannija konvenuta, Daniel Sigaud, fejn huwa ġie mgħarraf li l-kuntratt ta' xogħol li kellu magħha kien sejjer jiġi mitmum b'effett mit-3 ta' Awwissu, 2018 (ara l-ittra f'paġna 20 tal-atti tal-kawża). F'din l-ittra ma ngħatat l-ebda raġuni għat-tmiem tal-impjieg tiegħu;

18. Ftit xhur wara, sewwasew fis-**<u>27 ta' Ġunju, 2018</u>**, l-attur irċieva ittra oħra mingħand il-kumpannija konvenuta, fejn din għarrfitu li l-impjieg tiegħu kien sejjer jiġi mitmum fl-1 ta' Ottubru, 2018 minflok fit-3 ta' Awwissu, 2018 (ara l-ittra f'paġna 21 tal-atti tal-kawża);

19. L-attur jgħid li huwa ntebaħ li l-kumpannija konvenuta ma kinitx ħallsitu l-pagi u l-benefiċċji kollha li kienu dovuti lilu skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017 u għalhekk b'żewġ ittri elettroniċi tat-**<u>12 ta' Ottubru, 2018</u>** u tal-**<u>14 ta' Novembru, 2018</u>**, huwa bagħat jgħarrafha b'dan l-iżball tagħha u talabha tħallsu dak li kien għadu dovut lilu (ara ż-żewġ ittri f'paġni 22 sa 24 tal-atti tal-kawża);

20. Madankollu, l-attur baqa' ma rċieva xejn mingħand il-kumpannija konvenuta, u għalhekk fis-**<u>7 ta' Jannar, 2019</u>**, huwa fetaħ din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

21. Kif ingħad din is-sentenza tolqot biss is-sitt u s-seba' talbiet tal-attur. Fihom l-attur Philippe Jean Guillaut qiegħed jitlob li jiġi mħallas s-somma totali ta' €26,227.87, li skontu kellha tiġi mħallsa lilu f'pagi u benefiċċji għax-xhur ta' bejn Lulju 2017 u Settembru 2018 skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2017 (ara r-rendikont magħmul mill-attur f'paġna 23 tal-atti tal-kawża dwar dak li skontu għadu dovut lilu mingħand il-kumpannija konvenuta għal dawn ix-xhur). Din is-somma tinkludi wkoll l-paga għall-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu fl-1 ta' Ottubru, 2018, li huwa jgħid li baqa' ma tħallasx mingħand il-kumpannija konvenuta;

22. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpannija konvenuta tiċħad li hija naqset li tħallsu parti mill-pagi u mill-benefiċċji, li kienu dovuti lill-attur skont l-imsemmi kuntratt, għaliex tgħid li dawn kienu tħallsu minnha lill-attur f'żewġ porzjonijiet, *viz.* parti minnhom fil-munita Ewro u l-bqija fil-munita Dirham tal-Marokk. Għalhekk, skont il-kumpannija konvenuta, il-ħlasijiet li hija għamlet lill-attur f'dak li għandu x'jaqsam mal-pagi u l-benefiċċji tiegħu kienu dejjem sħaħ;

23. Skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jingħad fl-ewwel lok li jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara ***Carmelo Żammit et v. Emanuele Galea et***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u ***Maria Stella Calleja v. Brian Deġiorġio***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja***, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur* (ara ***Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine***, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);

24. Għalkemm il-grad ta' prova fi proċeduri ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fi proċeduri kriminali, b'daqshekk dan ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija f'kawża ċivili ma tistax tkun sempliċi suppożizzjoni jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju (ara ***Nancy Caruana v. Odette Camilleri***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2004 u ***Lambusa Maritime Company Limited v. Freightzone (Malta) Ltd***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 ta' Lulju, 2013);

25. Wara li l-attur jirnexxilu jressaq prova tal-kreditu dovut lilu, imbagħad ikun imiss lid-debitur li jġib prova li dak il-kreditu jew xi parti minnu tħallas (ara ***Manwel Żerafa v. Nazzareno Muscat Scerri***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 2017). Imma ġaladarba d-debitur jinvoka l-pagament, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova dan b'mod konvinċenti u deċiżiv (ara ***Emmanuele Bezzina v. Emmanuele Attard et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Diċembru, 1959, ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998, u ***John Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***, Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008);

26. Jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud***, Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta' riċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant li l-ħlas jkun tassew sar (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri***, Appell Kummerċjali, 19 ta' Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe***, Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar, 2000 u ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina***, Appell Superjuri, 27 ta' Marzu, 2020);

27. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xiehda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles tal-ġudikant (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

28. B'dawn il-prinċipji quddiemha, il-qorti tqis li skont il-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017, l-attur kellu jitħallas mingħand il-kumpannija konvenuta paga ta' €7,750 u benefiċċji fl-ammont ta' €740 kull xahar (ara l-klawsola 3 u l-Anness 1 ta' dan il-kuntratt). Magħduda flimkien, dawn iż-żewġ ammonti jlaħħqu għal salarju ta' €8,490 kull xahar;

29. Minn qari tal-atti, jidher li hemm qbil bejn il-partijiet, li wara li l-attur daħal fi ftehim ta' impjieg mal-kumpannija Marokkina, Heliconia Aero Solutions, fis-7 ta' Lulju, 2017, l-attur beda jirċievi l-ħlas ta' 21,000 Dirham (ekwivalenti għal madwar €1,900) fil-kont bankarju tiegħu miżmum fil-Marokk. Dawn l-€1,900, li l-attur kien qiegħed jitħallas fil-munita Marokkina kienu jitnaqqsu mill-ammont totali ta' €8,490, li l-attur kellu jirċievi kull xahar skont il-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017. B'hekk l-attur kien

qiegħed jitħallas €6,590 u 21,000 Dirham, li b'kollox jammontaw għal €8,490 kull xahar (ara d-dikjarazzjoni tal-attur f'paġni 28 sa 33 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda tal-attur f'paġni 124 sa 139 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Paul Murtagh f'paġni 146 sa 160 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Chris Krajowski f'paġni 162 sa 176 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Thomas Duchos f'paġni 230 sa 235 tal-atti tal-kawża u n-nota ta' sottomissjonijet tal-kumpannija konvenuta f'paġni 240 u 241 tal-atti tal-kawża);

30. Fejn mhux qed jaqblu l-partijiet? L-attur qiegħed jgħid li s-somma ta' 21,000 Dirham jew €1,900, huwa kellu jirċeviha b'żieda mal-ammont ta' paga u benefiċċji ta' €8,490, li huwa kellu jitħallas skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017. Mill-banda l-oħra, il-kumpannija konvenuta qiegħda tgħid li s-somma ta' 21,000 Dirham jew €1,900, kellha titħallas lill-attur bħala parti mill-ammont ta' €8,490 u mhux bħala somma addizzjonali;

31. Kważi x-xhieda kollha mressqa mill-kumpannija konvenuta, fosthom Paul Murtagh, Chris Karjowski, Daniel Sigaud u Thomas Duchos, ilkoll saħqu li biex persuna tista' tiġi impjegata fil-Marokk, hija teħtieġ dokumenti ta' residenza maħruġa minn dan il-pajjiż u kif ukoll kuntratt ta' impjieg li jkun magħmul hemmhekk. Kien għalhekk li parti mill-paga tal-attur kienet tħallset lilu fi flus Marokkini;

32. Kemm hu hekk, Chris Krajowski u Thomas Duchos, li kienu l-Kap Eżekuttiv Ewlieni u l-Kontrollatur tal-Finanzi tal-grupp tal-kumpanniji ta' Heliconia rispettivament, it-tnejn saħqu li lill-ħaddiema barranin tagħhom kollha kienu joffrulhom li jitħallsu l-paga tagħhom parti fi flus lokali, biex bihom iħallsu l-ispejjeż biex jgħixu fil-pajjiż li jkunu qegħdin jaħdmu fih, u parti fil-munita Ewro, u dan biex ir-rata ta' konverżjoni tkun waħda aktar favorevoli għalihom. Skonthom, fil-każ tal-attur, il-ħlas li kien isirlu bi flus Marokkini kellu jitnaqqas mill-paga li kienet toħroġ minn Malta, u għalhekk il-paga globali tiegħu kellha tibqa' l-istess;

33. Il-kumpannija konvenuta tgħid ukoll li hija kienet għarrfet lill-attur li l-ħlas li kien sejjer isirlu fi flus Marokkini kien sejjer jitnaqqas mill-paga tiegħu li kienet qiegħda toħroġ

minn Malta (ara l-ittri elettroniċi f'paġni 144 u 145 tal-atti tal-kawża). Hija tisħaq ukoll li sakemm l-attur dam impjegat magħha huwa qatt ma lmenta magħha li huwa kien qiegħed jitħallas inqas milli suppost (ara x-xiehda ta' Paul Murtagh f'paġni 146 sa 160 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Chris Krajowski f'paġni 162 sa 176 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Daniel Sigaud f'paġni 202 sa 209 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Thomas Duchos f'paġni 230 sa 235 tal-atti tal-kawża). Dan ġie miċħud mill-attur, li xehed li għalkemm huwa qatt ma kien irċieva *payslip* mingħand il-kumpannija konvenuta, huwa kien ilmenta magħha numru ta' drabi dwar il-paga li kien qiegħed jirċievi (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 124 sa 139 tal-atti tal-kawża);

34. Meqjus dan, il-qorti sejra tqis x'jgħid il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017, li permezz tiegħu l-attur ġie impjegat mal-kumpannija konvenuta, għaliex huwa dan li jista' jagħti ħjiel ċar ta' dak li kellu jitħallas lill-attur, u dan lil hemm mill-verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet f'din il-kawża. Kif rajna qabel, skont il-klawsola 3 u l-Anness 1 ta' dan il-kuntratt, l-attur kellu jitħallas mingħand il-kumpannija konvenuta paga ta' €7,750 u benefiċċji fl-ammont ta' €740 kull xahar. Magħduda flimkien, dawn iż-żewġ ammonti jlaħħqu għal salarju ta' €8,490 kull xahar. Madankollu, il-klawsola 3 tal-kuntratt tgħid ukoll li,

> *«This remuneration, <u>additional</u> to the remuneration he shall receive directly from Heliconia Holding Morocco, shall enable the Employee to meet the expenses and obligations related to his expatriation.»*

35. Issa skont il-kuntratt ta' impjieg tas-7 ta' Lulju, 2017, li daħal fih l-attur flimkien mal-kumpannija Heliconia Aero Solutions, li hija mwaqqfa fil-Marokk, l-attur kellu jitħallas paga ta' 21,000 Dirham kull xahar, li kif rajna aktar 'il fuq huma ekwivalenti għal madwar €1,900. Dan il-kuntratt ma jsemmi xejn dwar it-tnaqqis ta' din il-paga minn xi ħlas ieħor li seta' kien qiegħed jirċievi l-attur;

36. Il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017 sawwar ir-rapport ġuridiku tal-partijiet f'din il-kawża, u għalhekk huwa meħtieġ li t-tilwima ta' bejniethom tiġi deċiża skont dak li ġie miftiehem bejniethom f'dan il-kuntratt (ara ***Irene Farruġia v. Koperattiva Riċevituri tal-Lottu et***, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2017);

37. Il-qorti tqis li bħala regola: (i) meta ftehim jkun sar fil-forma ta' kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (ii) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi ta' dik il-kitba; (iii) li l-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba (ara ***General Cleaners Co Ltd v. L-Avukat Ġenerali et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Novembru, 2011); u (iv) li din ir-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali (ara ***Mary Gatt v. Onor Edgar Cuschieri noe***, Appell Superjuri, 6 ta' Ġunju, 1955). Dwar dan il-punt, huwa stabbilit ukoll li fejn in-negozju ġuridiku jkun jirriżulta minn ftehim miktub, il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess kuntratt jew kitba, u l-qorti m'għandhiex ddur fuq provi barranija għall-att li minnu jitnissel tali negozju ġuridiku (ara ***Amante Caruana v. Saveria Bonniċi***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Jannar, 2003 u ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' Frar, 2021);

38. Hija wkoll regola fundamentali tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħha tali obbligazzjoni (ara l-**artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***Maritime Services International (Malta) Limited v. Avukat Dr Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri, 25 ta' Novembru, 2016). Il-partijiet għall-kuntratt għandhom jiżguraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt isseħħ f'armonija ma' dak li huma raġonevolment kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-operazzjoni ekonomika ta' bejniethom (ara ***Saviour Muscat v. Sam Pantalleresco***, Appell Inferjuri, 20 ta' Novembru, 2009 u ***Gloria mart Jonathan Beacom et v. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998). Dan huwa rifless fil-massima latina *pacta sunt servanda*;

39. Il-konsegwenza ta' kull ftehim għalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jinftehmu b'tali mod li jagħmlu sens u li anke l-interpretazzjoni tal-kuntratti issir ukoll b'rieda tajba (ara

***Carmelo Mifsud v. Joseph Spiteri***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' April, 1987, ***Maritime Services International (Malta Limited) v. Avukat Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri, 25 ta' Novembru, 2016 u ***Joseph Żammit et v. Nazzareno Farruġia et***, Appell Superjuri, 25 ta' Novembru, 2017);

40. Hija regola ta' interpretazzjoni ta' kuntratti li meta l-kliem ta' kuntratt ikun ċar, dak li jkun qiegħed jinterpretah għandu joqgħod għal dak il-kliem u ma jistax joqgħod jistħajjel u jasal għal suppożizzjonijiet dwar x'jista' jfisser (ara l-**artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u s-sentenzi fl-ismijiet ***Sciberras Trigona v. Aneico***, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Ottubru, 1883 u ***It-Tabib Dr Carmel sive Lino Gauci Borda et v. Carmelina sive Carmela Azzopardi et***, Appell Superjuri, 29 ta' Ottubru, 2004);

41. Tassew, fejn it-tifsir tal-ftehim ikun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim ma jpoġġux fid-dubju r-rieda tal-kontraenti, il-ġudikant huwa miżmum milli jagħti lil dik il-kitba tifsira differenti minn dik li jkunu tawha l-kontraenti (ara ***Av. Dr. Hugh Peralta nomine v. Credinvest International Corporate Finance Limited***, Appell Superjuri, 28 ta' Ġunju, 2013);

42. Għalkemm il-partijiet waslu għal konklużjonijiet għalkollox opposti dwar il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017, il-qorti tqis li l-kliem ta' dan il-kuntratt huwa wieħed ċar u univoku, għaliex jgħid iswed fuq l-abjad li l-paga li kellu jitħallas l-attur mill-kumpannija tal-grupp ta' Heliconia fil-Marokk kellha tkun addizzjonali għal dik li huwa kellu jitħallas mill-kumpannija konvenuta skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017. Ifisser dan, li l-attur kellu jirċievi kemm it-€8,490 mingħand il-kumpannija konvenuta u kif ukoll il-21,000 Dirham mingħand Heliconia Aero Solutions. Il-kumpannija konvenuta għalhekk m'għamlitx sew meta mis-somma ta' €8,490 dovuta lill-attur skont il-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 2017, hija kienet qiegħda tnaqqas is-somma ta' 21,000 Dirham, li l-attur kien qiegħed jirċievi mingħand Heliconia Aero Solutions skont il-kuntratt tas-7 ta' Lulju, 2017;

43. Il-qorti terġa' ttenni li l-kliem tal-kuntratt huwa ċarissimu u ma jidher li sar l-ebda żball fih, u għalhekk hija ma tistax tagħti widen lil dak li stqarru x-xiehda mressqa mill-kumpannija konvenuta. Tabilħaqq, il-kumpannija konvenuta m'għandhiex raġun tgħid li hija kellha tnaqqas l-ammont tal-paga li kien qiegħed jirċievi l-attur mill-Marokk mill-ħlas li kellu jirċievi mingħandha skont il-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017 għaliex dan il-kuntratt jgħid proprju bil-kontra. Wara kollox, minkejja li l-kumpannija konvenuta kienet għarrfet lill-attur b'dan it-tnaqqis, mill-atti ma jirriżultax li l-attur kien awtorizza dan it-tnaqqis jew li huwa kien daħal f'xi kuntratt ieħor magħha biex jinbidel dak li hemm mniżżel fi klawsola 3 tal-kuntratt;

44. Tassew, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-pattijiet li jsiru fil-kuntratt għandhom jibqgħu jseħħu u ma jistgħux jiġu mibdula mingħajr il-kunsens komuni tal-partijiet (ara ***Elisa Ellul v. Negte Antonio Ellul***, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1937, ***David Borġ v. W. V. S. (Marketing) Ltd***, Appell Inferjuri, 1 ta' Diċembru, 2004, ***Angela Ċiappara pro et noe v. Carmelo Ċiappara***, Appell Inferjuri, 24 ta' Mejju, 2006, ***Theresa Schembri et v. Bartholomeo sive Bertu Camilleri***, Appell Superjuri, 30 ta' Novembru, 2007, ***Pirella Supermarkets Limited v. SISA Malta Limited***, Appell Inferjuri, 6 ta' Ġunju, 2008, ***Frank Salt Real Estate Ltd v. Edward Anthony Ellul Sullivan***, Appell Inferjuri, 8 ta' Jannar, 2010 u ***Vassallo Builders Ltd v. Rosello Developments Ltd***, Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010). Għalhekk, il-pattijiet tal-ftehim għandhom jiġu rispettati u mhuwiex aċċettabbli li xi ħadd mill-partijiet għall-ftehim jaħseb li dawn saru għat-taparsi, biex wara, u bis-sempliċi rieda tiegħu, l-obbligazzjonijiet li jkun assuma jkunu jistgħu jiġu mdawra kif jaqbel lilu (ara ***Maro Baldacchino et v. George Żammit***, Appell Inferjuri, 25 ta' Jannar, 2006);

45. Għalkemm iż-żewġ partijiet  ma ressqux prova ta' dak li tħallas l-attur f'pagi u benefiċċji mingħand il-kumpannija konvenuta, bħalma huma *payslips*, l-attur ippreżenta rendikont ta' dak li huwa tħallas u ta' dak li għadu dovut lilu mingħand il-kumpannija konvenuta għax-xhur ta' bejn Lulju 2017 u Settembru 2018 (ara r-rendikont f'paġna 23 tal-atti tal-kawża). Min-naħa tagħha l-kumpannija konvenuta fl-ebda waqt, matul is-smigħ tal-kawża, ma ppruvat twaqqa' jew tikkontradixxi dan ir-rendikont, u għalhekk il-qorti sejra

toqgħod fuqu. Wara kollox, dan ir-rendikont huwa wieħed li jagħmel sens, għaliex minnu jidher li t-tnaqqis mill-paga tal-attur beda jseħħ minn Lulju tas-sena 2017, jiġifieri fl-istess xahar li fih l-attur daħal f'kuntratt ta' impjieg mal-kumpannija Heliconia Aero Solutions;

46. Hekk ukoll, il-kumpannija konvenuta fl-ebda waqt ma kkontestat l-allegazzjoni tal-attur li hija ma ħallsitux il-paga li hija dovuta lilu għall-1 ta' Ottubru, 2018, li kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu. Għalhekk il-qorti sejra tqis li din ukoll għadha dovuta lill-attur;

47. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta, filwaqt li tilqa' s-sitt u s-seba' talba tal-attur billi tordna lill-kumpannija konvenuta tħallsu s-somma ta' €26,227.87, li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji bejn ix-xhur ta' Lulju 2017 u Ottubru 2018 skont il-kuntratt ta' impjieg tal-25 ta' Jannar, 2017;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni ta' HOSI Malta Limited għaliex mill-provi tassew irriżulta li bejn Lulju 2017 u Ottubru 2018 hija ma ħallsitx lill-attur l-ammont sħiħ ta' pagi u benefiċċji li kienu dovuti lilu skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu tal-25 ta' Jannar, 2017, u b'hekk **tilqa'** s-sitt talba tal-attur Philippe Jean Guillaut; u

ii. **Tilqa'** s-seba' talba ta' Philippe Jean Guillaut u tordna lil HOSI Malta Limited tħallsu s-somma ta' €26,227.87 li kienet dovuta lilu f'pagi u benefiċċji skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu;

Fl-aħħar nett, peress li HOSI Malta Limited hija l-parti telliefa dwar iż-żewġ talbiet li ġew deċiżi f'din is-sentenza, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>**, bit-tħaddim tal-**artikolu 223(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li din għandha tbati l-ispejjeż kollha marbuta ma' din is-sentenza.

_________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Ann Xuereb**
**Deputat Reġistratur**